TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 210/12/GB

**John u Michelle Bonnici**

**vs**

**Schembri & Aloisio Ltd. ezercenti l-kummerc bhala Snowhite Laundry & Drycleaning Ltd.**

Illum 10 ta' Dicembru 2014

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-27 ta' Awissu, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' tmien mitt Ewro (€800.00), rapprezentanti l-prezz ta' libsa, liema libsa ġiet iddanneggjata mis-socjeta' ntimata wara li nhadet ghandha ghas-servizz tad-'dry cleaning'.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Huma kienu hadu libsa ghas-servizz tad-'dry cleaning' ghand 'Markers Stationers', aġenti tas-Snowhite Laundry, fejn kienu ghamluha cara lill-agent illi l-libsa in kwistjoni kienet fina hafna, u li jekk id-'dry cleaners' kellhom xi dubju, kellhom jinghataw l-istruzzjonijiet biex ma jmissuhiex.

Wara li gabru l-libsa, ir-rikorrenti ndunaw li kienet mqatta' u rrovinata.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Il-libsa kienet imtebba hafna u s-socjeta' ntimata tatha 'delicate wash' fid-'dry cleaning machine' wahida. Il-libsa hija ddanneggjata biss taht l-idejn, fejn dan id-dannu gie kkagunat bil-'friction' ta' taht l-idejn u ghaliex ma kienitx imqabbda sewwa bil-hjata.

Hadd ma jkun jaf x'jista' jiġri jekk il-libsa tkun ser issir 'dry cleaned' u s-socjeta' ntimata ghamlitha, ghaliex kif kienet ma tintlibisx. B''dry cleaning wash' wahda żgur li qatt ma ghandu jiġri hekk.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub, fejn żiedu jghidu illi s-socjeta' ntimata kienet offriet li tirrifuzahom fl-ammont ta' hamsin Ewro (€50.00), liema offerta ma ġietx aċċettata stante illi l-libsa in kwistjoni tiswa mat-tmien mitt Ewro (€800.00) u anke stante l-atteggjament tas-socjeta' ntimata. Żiedu jghidu wkoll illi s-socjeta' ntimata biddlet il-verzjoni taghha fejn oriġinarjament qalu li l-libsa ma kienitx tnaddfet u mbaghad qalu li l-libsa kienet saret hekk b'effett ta' 'wear and tear', u issa s-socjeta' ntimata qieghda tallega illi l-libsa hija difettuża.

Ir-rikorrenti ezebew kopja ta' messaġġ mibghut minghand 'Markers' lir-rikorrenti, li ġiet immarkata bhala Dok.MB; flimkien ma' żewġ ritratti, li gew immarkati bhala Dok.MB1.

Xehed Philip Alamango, prodott mir-rikorrenti, fejn fix-xhieda ġuramentata tieghu huwa kkonferma illi d-dokument a fol.9 sar minnu stess u sabiex waslu ghall-prezz tal-libsa in kwistjoni raw kemm kien jiswa l-materjal li kien baqaghlhom xi ftit minnu u ccekjaw kemm kienu jiehdu ghall-hjata fl-epoka li saret il-libsa in kwistjoni. Ix-xhud stqarr illi ma sabux l-invoice oriġinali ghaliex huwa mpossibbli li ssib invoice mir-rombli kollha tal-VAT illi jkollhom, pero' kellhom ideja meta kellhom il-materjal in kwistjoni u ghaldaqstant waslu ghal din il-figura. Kompla jistqarr illi dan kollu ghamlu wara li ra l-libsa in kwistjoni illi r-rikorrenti ġabu l-hanut.

In kontro-ezami, l-istess xhud stqarr illi ma jistax ikollok harir pur li jinżamm fil-gwardarobba jekk mhux fi stat nadif. Żied jghid illi l-harir huwa materjal haj u min-natura tieghu ferm delikat. Kwalunkwe sostanza li tiddepożita ruhha fuq il-harir ser ikollha konsegwenza. Dan ifisser ukoll illi min ha jiehu hsieb id-'dry cleaning' ta' dan il-materjal irid joqod ferm u ferm attent ghaliex m'ghandux l-istess reżistenza daqs materjal sintetika bhal polyester.

In ri-ezami, l-istess xhud ikkonferma illi bla dubju, il-libsa in kwistjoni ġiet mehjuta skond is-sengha u l-arti.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda ġuramentata taghha, sostniet illi r-raguni li l-libsa ġratilha l-hsara lamentata kienet illi l-libsa ma tnaddfitx immedjatament wara

li kienet intużat, iżda minflok ġiet merfugħa għal xi sena u nofs sakemm imbagħad ħasset il-ħtieġa li tilbisha. Peress illi l-ħarir huwa xi ħaġa ħajja, l-għaraq jaffettwa t-tessuti, iżda dan ma kienx jidher għas-socjeta' ntimata meta ssoggettaw l-libsa għad-'dry cleaning'. Madanakollu, il-libsa ma rrezistitx id-'dry cleaning' minħabba l-azzjoni tal-bacteria tal-għaraq fuq il-ħarir. Dana jirriżulta wkoll mill-fatt illi l-ħsara fil-libsa saret fejn l-aktar joħroġ għaraq mill-ġisem, u cioe' taħt l-idejn.

In kontro-eżami, is-socjeta' ntimata stqarret illi sa fejn taf hi, l-libsa ma kellhiex ħsara fid-dahar u lanqas ma kien hemm ħsara fejn il-libsa kienet imtebba bl-inbid, iżda baqgħet imtebba minkejja illi tawha 'delicate dry cleaning wash'. Stqarret illi hija tassumi li l-libsa ma kienitx imqatta' meta ġiet ikkonsenjata għandha, għaliex ħadd mill-impjegati ma rrileva xi ħsara fiha. Ikkonfermat illi ma żammewx flus għall-'catsuit' u dan jista' jkun, jew għax il-libsa saritilha l-ħsara, jew għax baqgħet imtebba, kif normalment tagħmel f'każijiet simili.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fl-udjenza li nżammet fit-18 ta' Marzu 2013, is-socjeta' ntimata kienet iddikjarat illi bħala stat ta' fatt hi taċċetta illi l-ħsara lamentata ġiet ikkawżata fil-process tal-ħasil tal-libsa, iżda sostniet li dan kien riżultat ta' difett fil-libsa li kien jeżisti qabel. Is-socjeta' ntimata aċċettat ukoll li t-tebgħa tal-libsa ma tneħħietx bil-ħasil.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jibda billi jikkummenta dwar in-nuqqas ta' kredibbilita' tas-socjeta' ntimata, a bazi tal-verzjonijiet konfliġġenti li rriżultaw mill-provi tagħha stess. Illi, apparti minn hekk, it-Tribunal jieħu in konsiderazzjoni l-ammissjoni li saret da parti tas-socjeta' ntimata, fl-udjenza *mizmuma fit-18 ta' Marzu 2013, li* l-ħsara lamentata giet ikkawzata fil-process tal-ħasil tal-libsa u anke li t-tebgħa fuq il-libsa ma kienitx tneħħiet bil-ħasil. It-Tribunal jinnota illi, nonostante l-principju illi min jallega għandu jipprova, ma ngabet l-ebda prova da parti tas-socjeta' ntimata fl-ambitu ta' l-allegazzjoni tagħha, fl-istess udjenza msemmija, illi dan kollu pero' kien sar b'rizultat ta' difett fil-libsa. It-Tribunal iqis li, hekk skond il-provi prodotti, mhux talli l-verzjoni tas-socjeta' ntimata ma kienet xejn kredibbli, talli rrizulta bic-car li s-socjeta' ntimata naqqset fis-servizzi tagħha lejn ir-rikorrenti konsumaturi. Illi għal dawn ir-raġunijiet, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, in parte (stante l-provi miġjuba rigwardanti l-prezz tal-libsa in kwistjoni, a fol-9 tal-process, liema prezz jirrizulta li kien ta' sebgħa mija u ħamsin Ewro (€750.00) u mhux ta' tmien mitt Ewro (€800.00), hekk kif indikat fit-talba), u jordna lis-socjeta' ntimata tħallas is-somma, li qed tiġi stabbilita *arbitrio boni viri,* tenut kont li l-libsa għandha circa ħames snin, ta' tliet mija ħamsa u sebgħin Ewro (€375.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**